

# IT-TUMMINIJA

## IL-QAMĦ L-AKTAR POPOLARI GĦALL-ĦOBŻ TA' MALTA FIL-PASSAT

### L-EWWEL PARTI

*Prof. Carmel Cassar u Stefan Cachia*

Il-ħobż huwa parti integrali mid-dieta tagħna l-Maltin. L-istorja turina li dan minn dejjem kien il-każ. Iżda x'tip ta' qamħ kien jintuża għall-ħobż li kienu jieklu l-Maltin?

Jidher li fil-passat, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħobż f'Malta, kien hemm enfasi qawwija fuq il-ħobż magħmul mit-tumminija, qamħa li kienet titkabbar u tiġi esportata minn Sqallija taħt it-*Tratte* [duty free], kif ukoll il-qamħa ewlenija mkabbra lokalment.

Il-Professur tal-Botanika fl-Università ta' Malta, Padre Carlo Giacinto, fl-1811 spjega li:

> *In quest'Isole si coltiva generalmente il Robo, ossia il grano duro,... si coltiva pure il Grano trimestre, che dicesi dai Maltesi Tomonia ma in assai minore quantita'; ed un'altra varieta' del Robo, che chiamano Tomonia dura.*

Giacinto jsostni li l-kultivazzjoni tal-qamħ kienet mifruxa sew f'Malta, iżda l-kultivazzjoni tax-xgħir kienet aktar estensiva. Dan huwa attribwit prinċipalment għall-fatt li t-tiben tiegħu kien ikkunsidrat bħala aktar nutrittiv għall-annimali speċjalment għall-bgħula u ż-żwiemel. Flimkien mal-qamħ, ix-xgħir kien ukoll ingredjent ewlieni fil-produzzjoni tal-maħlut. Barra minn hekk kien iktar faċli li tkabbar ix-xgħir f'żoni mhux bogħod wisq mill-arja mielħa tal-baħar li jdawwar il-gżejjer Maltin.

Il-konnessjoni bejn it-tumminija u Malta tinsab ukoll fil-qwiel agrikoli Maltin. Fl-1961, il-Professur Ġużè Aquilina jikkwota qawl irrekordjat oriġinarjament minn Ninu Cremona li jirreferi għall-kultivazzjoni tat-tumminija: *"It-Tomnija ta' disat ijiem aħjar mill-oħra bix-xita fit-tmiem"*. Aquilina jispjega li permezz ta' dan il-qawl huwa aħjar li l-qamħ tar-rebbiegħa jinżera' matul id-disat ijiem bejn Lejliet il-Milied u l-aħħar ta' Diċembru milli fl-aħħar jiem tax-xitwa [Marzu]. Aktar tard Aquilina jagħti l-ekwivalenza tat-tumminija bħala qamħ miżrugħ f'Marzu. F'dan il-punt Aquilina jikkwota lil Antonio E. Caruana li jassoċja t-tumminija mal-"qamħ miżrugħ f'Marzu", Huwa jikkwota lil Caruana li jsostni li t-tumminija hija prodott li huwa addattat ħafna biex jiġi kkonservat taħt l-art. Caruana jista' jkun qara lil Giuseppe Pitrè li jikkonferma li *La timminia o timunia o trimilia (triticum vulgare aestivum L) grano marzuolo, che si semina in primavera. Da tumminia viene il v.- tumminiari vendere i cereali a minuto, quasi a tumminu, tumolo.*

Jidher li f'Malta t-tumminija ma kinitx biss marbuta mar-rebbiegħa. Aquilina jirreferi għal qawl li jgħid: "Santa Marija żrigħ it-tomnija" li huwa jittraduċi bħala "il-jum ta' Santa Marija huwa ż-żmien biex jinżera' l-qamħ (huwa juża l-kelma corn) tardiv. Mikiel Anton Vassalli jżid li t-tumminija "hu qamħ imwaħħar [tardiv], samm [iebes], ħamrani u mill-aħjar", kif ukoll li huwa qamħ marbut kemm ma' Marzu kif ukoll mas-sajf. Fil-*Melita Agricola* tal-1932, insibu referenza għaż-żrigħ tal-'*kamh ta' Susa*' [qamħ ta' Susa] jew tumminija f'Jannar.

Il-Kummissjoni Mowatt tindika li l-qamħ kollu mkabbar Malta kien jintuża mill-bdiewa stess, jew mibjugħ bl-imnut, biex isir il-ħobż u kien meqjus mill-Maltin, għalkemm mhux minn kulħadd minħabba l-lewn mhux bajdani tiegħu, ta' kwalità aħjar minn dak impurtat tant li kien iġib sa 25% iktar fil-prezz.

Ir-rabta bejn it-tumminija u Malta kienet waħda rikonoxxuta mhux biss lokalment. Dizzjunarju Merkantili ppubblikat f'Londra fl-1799 minn Philip Andreas Nemnich isemmi din il-qamħa bħala *Tumonia*, *Tumminia* u jgħid li hija qamħa ta' Malta jew Sqallija.

Dawn ir-referenzi kollha jikkonfermaw l-użu mifrux kontinwu tat-tumminija u l-popolarità tagħha fost il-komunità lokali tal-biedja aktar minn seklu wara l-bidu tat-tmexxija kolonjali diretta mill-Ingliżi u b'hekk it-tmiem tal-qamħ bla dazju minn Sqallija għal Malta.